

Londra, 23 ta' Ottubru 2008  
Dok. Ref. EMEA/599103/2008

**Mistoqsija u tweġiba dwar ir-rakkomandazzjoni għal rifjut tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid  
fis-suq  
għal  
Cymbalta/Xeristar**

Denominazzjoni Komuni Internazzjonali (DKI): **duloxetine**

Fit-23 ta' Ottubru 2008, il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) adotta opinjoni negattiva, fejn irrakkomanda r-rifjut tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għall-prodott mediċinali Cymbalta/Xeristar 30 mg u 60 mg kapsuli gastroreżistenti. Il-bidla kellha x'laqsam ma' estensjoni tal-indikazzjoni biex iż-żid il-kura ta' fibromijalgħija. Il-kumpaniji li applikaw għall-awtorizzazzjoni huma Eli Lilly Nederland B.V. (għal Cymbalta) u Boehringer Ingelheim International GmbH (għal Xeristar). Jistgħu jitbolu eżami mill-ġdid tal-opinjoni fi żmien 15-il jum minn meta jkunu rċevew notifika ta' din l-opinjoni negattiva.

**X'inhu Cymbalta/Xeristar?**

Cymbalta/Xeristar huwa mediċina li fiha s-sustanza attiva duloxetine. Jiġi bħala kapsuli gastroreżistenti. 'Gastroreżistenti' tħisser li l-kontenut tal-kapsuli jgħaddi mill-istonku sakemm jasal fl-intestini. Dan jimpedixxi milli s-sustanza attiva tinquered bl-aċċidu fl-istonku.

Cymbalta/Xeristar ilu awtorizzat sa minn Diċembru 2004. Jintuża għat-trattament ta' adulti bil-mard li ġej:

- episodji ta' dipressjoni maġġuri;
- uġiġ dovut għal newropatija periferali dijabetika (ħsara għan-nervituri fl-estremitajiet li jistgħu jseħħu f'pazjenti b'dijabete);
- disturbi ta' ansjetà ġeneralizzati (ansjetà jew nervożiżmu fit-tul fuq kwistjonijiet ta' kuljum).

**Għal x'hiex kien mistenni li jintuża Cymbalta/Xeristar?**

Cymbalta/Xeristar kien mistenni wkoll li jintuża biex jikkura adulti b'fibromijalgħija, marda li tikkawża uġiġ li jdum u miffrux u risponsi b'uġiġ mal-mess. Fibromijalgħija tista' tikkawża wkoll sintomi oħrajn bħal sensibilità, ebusija, għejja, ansjetà u bidliet fil-mod kif il-pazjent jorqod, iħossu u jaħseb. Il-kawża ta' fibromijalgħija minnijex magħrufa. Cymbalta/Xeristar kien mistenni li jintuża f'pazjenti b'fibromijalgħija bi jew mingħajr depressjoni.

**Kif huwa mistenni li jaħdem Cymbalta/Xeristar?**

Is-sustanza attiva f'Cymbalta/Xeristar, duloxetine, hija inibitur ta' teħid mill-ġdid ta' serotonin-noradrenaline. Jaħdem billi jimpedixxi lin-newrotrasmettituri 5-hydroxytryptamine (magħrufin ukoll bħala serotonin) u noradrenaline milli jittieħdu mill-ġdid lura miċ-ċelloli tan-nervituri fil-moħħ u fil-korda spinali.

Newrotrasmettituri huma kimiċi li jippermettu liċ-ċelloli tan-nervituri jikkomunikaw ma' xulxin. Billi jimblokka t-teħid mill-ġdid tagħhom, duloxetine iż-żid l-ammont ta' dawn in-newrotrasmettituri fl-ispazji bejn dawn iċ-ċelloli tan-nervituri, u b'hekk iżid il-livell ta' komunikazzjoni bejn iċ-ċelloli.

Minħabba li dawn in-newrotrasmettituri huma maħsusin li huma involuti fil-fibromijalgħija, l-imblokkar tat-teħid mill-ġdid tagħhom fiċ-ċelloli tan-nervituri huwa mistenni li jżid is-sintomi tal-marda.

## **X'dokumentazzjoni ppreżentat il-kumpanija biex tappoġġa din l-applikazzjoni?**

Ir-riżultati tal-ħames studji li jinvolvu total ta' 1,718-il adult b'fibromijalġija ġew ippreżentati lill-CHMP biex jappoġġjaw l-applikazzjoni. Erbgħa mill-istudji kienu għal perjodu ta' żmien qasir, li damu bejn tliet u sitt xħur, u qabblu Cymbalta/Xeristar ma' plaċebo (kura finta) f'total ta' 1,411-il pazjent. Il-ħames, studju fit-tul, qabbel l-effetti taż-żewġ dożi ta' Cymbalta/Xeristar fuq sena fi 307 pazjenti.

Fl-istudji kollha, il-miżuri ewlenin tal-effikaċja kienu bbażati fuq il-bidliet fis-sintomi tal-pazjenti, b'mod partikolari fil-livell ta' uġiġi, u fl-istat ġenerali tas-saħħha tagħhom. Dawn tkejlu skont miżuri u kwestjonarji standard.

## **X'kien it-tħassib ewlieni li wassal lis-CHMP sabiex jirrakkomanda r-rifjut tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq?**

Is-CHMP kien imħasseb li l-effikaċja ta' Cymbalta/Xeristar ma ntwerietx b'mod konvinċenti fil-kura ta' fibromijalġija. Fl-istudji b'perjodi ta' żmien qosra, is-CHMP qies li l-effett ta' Cymbalta/Xeristar kien żgħiर wisq biex ikun relevanti għall-pazjenti: ma kien hemm ebda turija ċara tat-titjib fis-sintomi, u l-effetti modesti ta' Cymbalta/Xeristar setgħu kien dovuti għall-effett tal-mediċina li ttejjeb il-burdata tal-pazjenti. Is-CHMP ikkonkluda wkoll li l-istudju fit-tul ma kienx biżżejjed biex juri l-effikaċja tal-mediċina u li jkun meħtieġ studju fit-tul li jqabbel Cymbalta/Xeristar ma' plaċebo.

F'dak il-mument spċċifiku, is-CHMP kien tal-opinjoni li l-benefiċċji Cymbalta/Xeristar fil-kura ta' fibromijalġija ma kinux jegħiġi r-riskji li kellu. Għaldaqstant, is-CHMP irrakkomanda li l-bidla għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tiġi rifjutata.

## **X'inħuma l-konsegwenzi tar-rifjut għal pazjenti fi provi kliniki bi Cymbalta/Xeristar?**

Il-kumpaniji għarrfu lis-CHMP li fil-preżent ma kien hemm ebda prova klinika għaddejja b' Cymbalta/Xeristar fuq pazjenti b'fibromijalġija fl-Ewropa.

## **X'jiġri b'duloxetine użat għall-kura ta' mard ieħor?**

Duloxetine, bl-ismijiet Ariclim u Yentreve, huwa awtorizzat ukoll sabiex jintuża f'inkontinenza urinarja taħt stress. Ma hemm l-ebda konsegwenza fuq l-użu ta' Cymbalta/Xeristar, Ariclim jew Yentreve fl-indikazzjonijiet awtorizzati tagħhom, fejn il-bilanċ bejn il-benefiċċji u r-riskji jibqa' kif kien.